**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 8 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**Vs**
**FRANCOIS ZAMMIT**
**RONALD AZZOPARDI**

**KUMPILAZZJONI NUMRU : 426/2019**

IL-QORTI;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francois Zammit, detentur tal-karta tal-identita` numru 330378(M) u **Ronald Azzopardi**, detentur tal-karta tal-identita` numru 565187(M) fejn;

Francois Zammit wahdu gie akkuzat talli :

1. f`dawn il-Gzejjer fl- 14 ta` Lulju 2019 ghal habta tat-tlieta` u ghoxrin ta` wara nofs in-nhar (03:20p.m) dahal biex jisraq minn gewwa Clorana 11, Triq il-

Granmastru Perellos, Zejtun, ghad-dannu ta` Maria Barbara u/jew persuni ohra u wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta tieghu liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil- 'mezz', 'valur', u bil-lok (261 (b), (c), (e), 263 (a), 267, 269 (g), 279 (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

2. Nakkuzah aktar talli naqas milli ihares wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), li bih inghata il-helsien mill-arrest. (Art 579(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

3. Nakkuzah aktar talli rrenda ruhu recediv taht l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U Ronald Azzopardi gie akkuzat talli :

4. b`xi mod xjentament jew assista lil Francois Zammit fl-attentat tas-serq minn gewwa Clorana 11, Triq il-Granmastru Perellos, Zejtun ghad-dannu ta` Maria Barbara u/jew persuni ohra liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta ta François Zammit liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil- 'mezz', 'valur', u 'bil-lok. (261 (b), (c), (e), 263 (a), 267, 269 (g), 279 (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

5. Nakkuzah aktar talli rrenda ruhu receidv taht l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti u l-evidenza kollha rizultanti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-rinvio a giudizio ta' l-Avukat Generali tas-27 t'Awwissu 2021 (ara folio 251) u l-kunsens ta` l-imputati sabiex il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju moghti fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2022 (ara folio 255);

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi dak li rrizulta, in succinct, f'dan il-kaz kien is-segwenti.

Illi nhar l-14/07/2019, ghall-habta ta` 15.20hrs, dahlet informazzjoni anonima gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun, illi kienet ser issir serqa gewwa Triq il-Granmastru Perellos, Zejtun. L-informazzjoni kienet tghid li zewgt irgiel waslu b'vettura JCE445. Wiehed minnhom telgha b'sellum mal-faccata ta` dar u dahal fil-gallarija. Minnufih, l-iehor, dahhal is-sellum fil-vettura, u telaq minn fuq il-post.

Illi a bazi ta` din l-informazzjoni, numru ta` pulizija minn units differenti, accedew minnufih fuq il-lok indikat u cioe r-residenza Clorana 11, Triq il-Granmastru Perellos, Zejtun, u fethitilhom Mireilla Portelli fejn informathom li x'aktarx kien dahlilhom xi hadd ghax kienet semghet il-passi fuq il-bejt u l-kelb beda jinbah. Il-pulizija ghaddew ghal tfittxija fuq il-bjut u f'lok misthobi, sabu persuna li kien l-imputat Francois Zammit, li minnufih gie arrestat.

Illi rrizulta li l-imsemmi Francois Zammit kien ir-ragel ta` Claudette Zammit, li tigi bint Mary Barbara, sid ir-residenza fejn sehh dan l-attentat ta` serq. Ghar-ragunijiet li jafhom hu biss, irrizulta li l-imputat ried jiehu xi flus minn gewwa tali residenza.

Illi rrizulta wkoll li l-vettura JCE445, li allegatament biha wasal fuq il-post in kwistjoni, Francois Zammit, kienet registrata fuq il-ko-imputat Ronald Azzopardi.

Illi rrizulta mill-provi illi l-imputat Francois Zammit, fil-mument de quo, kien qieghed igawdi mill-beneficcju ta` arrest skond kundizzjonijiet impost b'digriet tat-12/07/2019.

Illi b'diversi sentenzi esebiti in atti (ara a folio 200 et seq), saret sufficjentement il-prova tar-recidiva.

Illi dan hu bazikament dak li rrizulta bhala evidenza f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Illi meqjus sew il-korp tal-provi mressaq, fil-kuntest tal-ligi u l-principji li jirregolaw il-process u l-valur probatorju tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti tosserva s-segwenti :

a. Illi fil-konfront ta` l-imputat Ronald Azzopardi, l-provi mressqa huma legalment, evidentement insufficjenti – la l-grad tal-probabbli ma hu bizzejjed, u wisq anqas hu l-grad tal-possibbli;
b. Illi ghall-kuntrarju, bil-provi mressqa fil-konfront ta` l-imputat Francois Zammit, il-prosekuzzjoni rnexxielha, skond il-ligi, tipprova l-kaz taghha.

**KONKLUZJONI.**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 20, 41(1)(A), 49, 50, 261(B)(C)(E), 263, 264, 265, 266, 267, 269(G), 278(1)(2)(3), 279(B), 280(2), 579(1), 532A, 532B U 533, ILKOLL TAL-KAP 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA :

A. LIL **RONALD AZZOPARDI**, FUQ NUQQAS U INSUFFICJENZA TA' PROVI, MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI; IZDA

B. ISSIB LIL **FRANCOIS ZAMMIT** HATI TA' L-IMPUTAZZJONIJIET KIF MIGJUBA KONTRA TIEGHU U tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; flimkien ma multa fis-somma komplessiva ta` mitejn u hamsin Ewro (€ 250).

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Francois Zammit, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-Francois Zammit sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur